# Fjamingi protetti fil-mira tal-kaċċa illegali waqt l-istaġun magħluq

## Il-deċiżjoni politika li jiġu aġevolati l-kaċċaturi hija l-kaġun tal-problema serja biex jiġu mħarsa l-għasafar

Qatgħa Fjamingi li fl-aħħar sigħat kienet qed tittajjar madwar il-kosta ta' Malta bdiet tonqos fin-numru bil-mod il-mod matul il-ġurnata tal-bieraħ. Waqt li xi frieħ niżlu qalb in-nies f'postijiet differenti għax għejew, oħrajn spiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali, b'wieħed minnhom jitniżżel fl-inħawi magħrufin bħala l-Munxar, fil-limiti ta' Marsaskala. Fjamingu ferħ ieħor b'feriti gravi nġabar minn Marsaxlokk u ttieħed għand il-veterinarju tal-gvern kif jidher f'dan il-filmat. Il-veterinarju kkonfermat li kellu tiri ta' senter.

Fjamingi żgħar oħrajn spiċċaw maqbudin fuq l-art u nġabru biex jittieħdu għand il-veterinarju. Wieħed inġabar minn uffiċjali tal-ERA f'Daħlet Qorrot f'Għawdex u ieħor inġabar aktar kmieni minn BirdLife Malta mill-bajja tal-Għadira. Dalgħodu Fjamingu ieħor inġabar minn Tas-Safra mill-għaqda Kaċċaturi San Ubertu (KSU) u ġie mgħoddi f'idejn BirdLife Malta.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana spjega f'filmat li xandar ilbieraħ li l-istat tal-infurzar u r-regolamenti f'pajjiżna ġew imdgħajfa bil-konsegwenza li xi kaċċaturi qed jitħallew jikkaċċjaw għasafar protetti tul is-sena kollha. Il-problema serja bil-ħarsien tal-għasafar f'Malta hija riżultat tal-fatt li l-liġijiet qed jiġu mdgħajfa u anke tal-fatt li t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) illum inbidlet f'direttorat għall-ħarsien tad-drittijiet tal-kaċċaturi. Hemm policy ċara favur il-kaċċa u direzzjoni politika ċara biex jiġu kkonfrontati l-proċeduri ta' ksur tal-UE dwar l-insib.

"Il-qtil ta' Fjamingi, speċi li għaliha BirdLife Malta qed taħdem biex tittrasforma r-Riserva Naturali tas-Salina bħala l-ħabitat ideali fejn possibbilment tkun tista' tbejjet, huwa sagrileġġ. Juri wkoll li l-Gvern Malti m'għandu l-ebda viżjoni progressiva u moderna fejn jidħol il-ħarsien ambjentali. Dan l-istat ta' telqa issa ilu għaddej wisq. BirdLife Malta ssejjaħ lill-Prim Ministru Joseph Muscat biex jindirizza s-sitwazzjoni b'azzjonijiet

kostruttivi u viżibbli. L-ewwel pass għandu jkun it-twaqqif ta' taqsima għar-reati kriminali marbutin man-natura (wildlife crime unit) li tkun immexxija minn nies li jkollhom il-ħarsien ambjentali bħala l-ewwel prijorità tagħhom."

Il-Manager tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara, li ġabar l-għasfur ferut minn Marsaxlokk, qal li l-istat tal-illegalitajiet f'dan il-pajjiż sejjer għall-agħar u meta tara li l-Gvern qed jadotta attitudni li jiġi jaqa' u jqum minn kollox, is-sitwazzjoni tista' biss tkompli tiggrava.

Waqt li tirringrazzja lill-pubbliku tal-assistenza, BirdLife Malta tinsisti li r-responsabbiltà tal-ħarsien tal-għasafar taqa' esklussivament fuq il-Gvern li ma jistax jaħrab mill-fatt li jridu jieħu pożizzjoni ċara darba għal dejjem f'dan ir-rigward. L-Onor. Prim Ministru Joseph Muscat, matul is-snin, esprima l-opinjoni li jrid jara infurzar aħjar u aktar ħarsien tal-għasafar, u wiegħed tolleranza zero f'dan ir-rigward. Wasal iż-żmien li mill-kliem jgħaddi għall-fatti.

Tul l-aħħar 24 siegħa, BirdLife Malta rċeviet ukoll għasfur protett ieħor, li wara l-eżami tal-veterinarju tal-gvern, ukoll kien ikkonfermat li tniżżel b'tiri ta' senter tal-kaċċa. Il-Bagħdan Aħmar, li kellu ċ-ċomb fil-ġewnaħ u fid-denb, inġabar mill-pulizija nhar it-Tnejn fl-inħawi ta' Gianpula.

Dan kollu qed jiġri tul l-istaġun magħluq, hekk kif il-passa tal-ħarifa tal-għasafar issa bdiet tiżdied, u ftit jiem biss qabel jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa ta' din is-sena fl-1 ta' Settembru. Minn dakinhar aktar minn 10,000 kaċċatur se jkollhom ħames xhur sħaħ għad-dispożizzjoni tagħhom biex jikkaċċjaw hekk kif l-istaġun jibqa' miftuħ sal-31 ta' Jannar tas-sena d-dieħla. Fis-sitwazzjoni attwali Fjamingi, ċikonji, irsieset u tajr ieħor maestuż bħat-tajr tal-priża li jkun qed ipassi minn fuq Malta kollha mistennija jispiċċaw fil-mira tal-kaċċa illegali.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-sKKlKViEVx (Ritratti ta' BirdLife Malta)**

1. Il-Fjamingu midrub li nġabar minn Marsaxlokk (1)
2. Il-Fjamingu midrub li nġabar minn Marsaxlokk (2)
3. Il-Fjamingu midrub li nġabar minn Marsaxlokk (3)

4. Il-Fjamingu midrub li nġabar minn Marsaxlokk (4)
5. Parti mill-qatgħa Fjamingi li dehret ilbieraħ
6. Il-qatgħa ta' Fjamingi li dehret ilbieraħ
7. Tliet Fjamingi frieħ
8. X'għandek tagħmel jekk tiltaqa' ma' Fjamingu maqbud fuq l-art
9. Bagħdan Aħmar li nstab ferut nhar it-Tnejn fl-inħawi ta' Gianpula

**Niżżel il-filmati minn hawn: https://we.tl/t-TTdfFkG66E (Filmati ta' BirdLife Malta)**

1. Filmati tal-Fjamingu li tniżżel f'Marsaxlokk qed jinġabar minn BirdLife Malta
2. Messaġġ viżiv tal-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana ftit wara li Fjamingu qed jitniżżel f'Marsaskala (Verżjoni bl-Ingliż)
3. Messaġġ viżiv tal-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana ftit wara li Fjamingu qed jitniżżel f'Marsaskala (Verżjoni bil-Malti)
4. Filmati tal-qatgħa Fjamingi li dehret ilbieraħ